MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 542/2005

Carmelo Cilia u martu Josephine Cilia
vs
Jonathan Briffa

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-attrici kienet silfet lill-konvenut, neputi taghha, is-somma ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000);

Illi in relazzjoni ma' tali self, il-konvenut kien unilateralment irrediga u pprovda lill-attrici skrittura privata minnu ffirmata, annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok. JC1, li permezz taghha kien irrikonoxxa self maghmul mill-attrici favur tieghu fis-somma ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) kif ukoll kien iddikjara li kien ircieva s-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bhala hlas ta'

bonds li jghajtu lilu u kien iddikjara li kien qieghed icedi d-drittijiet tieghu kollha kemm bhala valur, kif ukoll bhala interessi sakemm jaghlqu tali bonds, liema bonds kienu jinsabu elenkati fl-istess skrittura, u deskritti fid-dokumentazzjoni annessa mal-istess skrittura (Dok. JC2 sa 5);

Illi l-konvenut verbalment kien obbliga ruhu li jibda jhallas lura s-self gradwalment, kif ukoll kien obbliga ruhu li jiddisponi mill-bonds sabiex ihallas in parte lill-attrici, izda kien baqa’ inadempjenti;

Illli l-konvenut kien gie interpellat ghall-hlas lura tas-self originali permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Mejju 2005, izda inutilment;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi tali somma bl-imghax legali mill-20 ta’ Mejju 2005; u

2. Tiddikjara li permezz ta’ l-iskrittura esibita bhala Dok. JC1, il-konvenut iddikjara li rcieva s-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bhala hlas ta’ bonds li jghajtu lilu u ddikjara li kien qieghed icedi ddrittijiet tieghu kollha kemm bhala valur, kif ukoll bhala interessi sakemm jaghlqu tali bonds, liema bonds jinsabu elenkati fl-istess skrittura, u deskritti fid-dokumentazzjoni annessa mal-istess skrittura (Dok. JC2 sa 5); u taghti effett lil tali obbligazzjoni billi tordna t-trasferiment favur l-atturi ta’ l-imsemmija bonds jew altemattivament tordna bejgh taghhom fis-suq u l-hlas tal-proventi lill-atturi, u dan billi tahtar stockbroker licenzjat ghal dan il-ghan u kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci, kif ukoll il-hlas lill-atturi ta’ kull dividend li jista’ jithallas sad-data ta’ l-eventwali trasferiment jew bejgh;

3. Jew alternattivament ghall-ewwel u ghat-tieni talba, f’kaz illi ma jkunx possibbli li jinghata effett ghat-tieni talba, tordna r-restituzzjoni lill-atturi tas-somma ta’ disat elef lira

mghoddija mill-attrici lill-konvenut, bl-imghax legali mill-24 ta’ Mejju 2005;

Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 24 ta’ Mejju 2005, u bl-ingunzjoni tal-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici kif proposta kienet nulla u irrita stante li gjaladarba ma kienx gie specifikat iz-zmien li fih kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni kontenuta fl-iskrittura datata 28 ta’ Frar 2004 redatta mill-konvenut, u jsegwi ghalhekk li dan thalla fid-diskrezzjoni tal-istess konvenut, l-atturi kellhom jitolbu li l-Qorti joghgobha tiffissa zmien li fih kellha tidhol fis-sehh tali obbligazzjoni, u dan in forza tal-Artikolu 1078 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi kien isegwi ghalhekk li t-talbiet attrici ghal kundanna ta’ refuzjoni tal-flus u trasfenment tal-bonds ma kienux jistghu jigu milqugha qabel ma ssir tali talba, u mbaghad f’kaz ta’ inadempjenza kienet setghet giet proposta l-azzjoni odjerna.

2. Illi kien isegwi ghalhekk, u fid-dawl tal-fatt li f-iskrittura redatta mill-konvenut ma kien hemm stipulat ebda zmien li fih ghandu jigi saldat tali obbligu, illi l-azzjoni attrici kienet monka, oltre li kienet intempestiva u prematura.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, kwalunkwe beneficcju taz-zmien kellu jmur favur id-debitur. Illi fil-fatt il-partijiet kienu ftehmu verbalment illi r-refuzjoni tal-flus kellha ssehh wara li jigi saldat debitu iehor li l-konvenut kellu ma’ terzi, u dan kif kien ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u senjatament b’referenza ghat-tieni (2) talba tal-atturi, il-

ftehim pattwit bejn il-partijiet kontendenti kien illi tali bonds kellhom jigu trasferiti lill-atturi ladarba dawn jimmaturaw, u dan kif kien ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi evidenza ta' dan kien il-fatt illi kif kien hemm dikjarat fl-istess skrittura, li kwalunkwe dividends pagabbli sad-data ta' maturita` tal-istess bonds kellhom jithallsu lill-atturi, kif fil-fatt kien qed isir. Illi ghalhekk din it-talba kellha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u senjatament b'referenza ghat-tielet (3) talba tal-atturi, din it-talba kellha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li s-self ma kienx specifikament ta' disat elef lira (Lm9,000), u dan kif kienet tixhed l-istess skrittura li ghaliha kienet saret referenza mill-istess atturi, u ghalhekk din it-talba ma kenitx tista' tigi milqugha.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi.

Gie prezentat affidavit ta' Josephine Cilia u fih issemma li zmien minnhom il-konvenut li jigi n-neputi taghha mar ghandha biex jissellef Lm9,000 biex jixtri post, bil-weghda li jaghtihomlha lura ftit ftit. Weghdha wkoll li kien ser jaqleb fuqha xi Lm2500 fi ***stocks*** li kellu. Izda l-konvenut ma dawwarhomx ghax qal li ried jistenna biex titjieb ir-rata taghhom. Qalilha li kien ser jghaddilha d-***dividends*** li ser jircievi tal-i***stocks*** sakemm idawwarhom. Il-konvenut fil-fatt taha biss ***dividend*** wiehed. Wara sena l-konvenut baqa' ma hallsha xejn. Hi semmiet ukoll incident li kellha mal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Gie prezentat affidavit tal-konvenut Jonathan Briffa li fih issemma li f'Awissu 2003 kien mar jara post mal-ġenituri tiegħu, mal-għarusa u mal-attrici li tigi nanntu. Il-prezz kien għoli u x-xhud kien qata' qalbu imma l-attrici qaltlu li kienet ser tgħinu. Kienu anke marru għand nutar li spjega lill-attrici u lir-raġel tagħha f'hiex kienu ser jikkommettu ruħhom. Qal li meta l-attrici offriet li tgħinu kien hemm il-ġenituri tiegħu u l-għarusa prezenti. Sostna li l-attrici dejjem qaltlu li ma kenitx mgħaġġla għall-flus, kif ukoll li Lm1000 kellu jnaqqashom bħala rigal tat-tieġ. Qal ukoll li kien għamel karta li fiha kiteb li nanntu silfitu Lm7,000. Semma incidenti li kellu man-nanna tiegħu li tigi l-attrici.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Illi b'din il-kawza, l-attrici silfet lill-konvenut neputi tagħha, is-somma ta' sebat elef liri Maltin (LM7,000), oltre l-ftehim ta' elfejn u ħames mitt lira Maltin (LM2,500) bħala ħlas ta' bonds, hekk kif jirrizulta minn skrittura privata miktuba mill-konvenut stess. Illi peress li l-konvenut ma bediex iħallas lura s-self saret il-kawza.

Gie eccepit mill-konvenut, li l-azzjoni attrici kif proposta, hija nulla u irrita stante li ma giex specifikat iz-zmien li fih kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni kontenuta fl-iskrittura miktuba mill-konvenut stess, datata 28 ta' Frar 2004, u dan skond l-artikolu 1078 tal-Kap 16. Gie eccepit ukoll, stante li fl-iskrittura redatta mill-konvenut, ma hemm stipulat ebda zmien li fih għandu jigi saldat dan l-obbligu, u għalhekk dan jirrendi l-azzjoni attrici bħala waħda intempestiva.

Illi l-Artikolu 156 tal-Kap 12 jipprovdi li c-citazzjoni għandu jkun fiha: (a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba; u

(b) it-talba jew talbiet għandhom ikunu numerati.

Indiskutibbilment, il-Qorti għandha meta tista', li zzomm ħajja citazzjoni, ikun ferm aħjar milli jigu dikjarati nulli

citazzjonijiet biex wara jigu ntavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll, illi hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin, idealment, l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista' jkun.

Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza jekk jezistux u n-natura ta' l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi. Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas. (Ara **Giuseppe di T Demajo vs Eduardo Camilleri** PA 24-Dic-1911, u **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** Appell 22-Mejju-1967). Izda, ta' min ighid li tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex addottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

F'diversi kazijiet naraw din l-interpretazzjoni tal-Qrati. Fil-kawza **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim Awla fid-9 ta' Marzu 1965, intqal li citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi. Permezz ta' dan il-kaz giet applikata t-teorija maghrufa bhala tal-ekwipollenti li nisslet il-principju li mhiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni ta' l-azzjoni.

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-att tac-citazzjoni, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew tista' tigi mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha. Dan gie enuncjat fil-kawza **Av. Dr. Carlo Moore noe vs Perit C. Falzon et** deciza mill-Prim Awla fil-15 ta' Dicembru 1995.

L-istess inghad fis-sentenza tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe** tal-20 ta' Jannar 1986:
"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni.

Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas ***da parte*** ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur

kontra d-dispost ta’ l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap.12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni.

Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata”.

Gie ritenut ukoll fil-kawza **Jos. G. Coleiro vs Dr. Joseph Ellul** deciza mill-Prim Awla fl-14 ta’ Frar 1967, li biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa biz-zejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha.

Biex twassal ghan-nullita` ta’ atti gudizzjarji hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali. (Ara Appell Civili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri** 21 ta’ April 1995). Difett procedurali ma jgibx in-nullita` ta’ l-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta’ Mejju 1998). Biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonformu ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta’ evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. (Ara **Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** Appell Civili Superjuri 21 ta’ Marzu 1988).

Gie deciz ukoll fis-7 a’ Marzu 1955 (Vol XXXIX.II.597) illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b’mod lakoniku,

“ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f’hekk il-konvenut, jigi pregudikat, ghaliex ma jkunx jista’ jiddefendi ruhu….”

F’dan il-kuntest, ta min ighid, li l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita` ta’ atti gudizzjarji tista’ tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu 789 tal-Kap 12 tal-

Ligijiet ta' Malta. Illi l-erba' cirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju tirnexxi trid bilfors taqa' taht ilparametri ta' xi wahda minnhom.

Illi fil-kawza **Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 1998,issir referenza ghall-bidliet li jistghu isiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 175 tal-Kap 12, ukoll kif mibdul fl-1995.

Ghalhekk, il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tal-1995, inkluz il-kontenut tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, hija li l-formalizmu esagerat illi hafna gie mnaqqas u limitat u bir-ragun, il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jinutnuh. Ghalhekk l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli. (ara **Malta Development Corporation vs Paul Licari** PA 22-April-2004; **Charles Fino vs Alfred Fabri noe** App 28-Frar-1997; **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini** PA 19-Jan-1999). Wiehed irid jara jekk mill-atti, hemmx elementi sufficjenti biex il-konvenuti, anke minn semplici qari tal-att tac-citazzjoni, jindunawx mill-ewwel il-kawzali li fuqha l-attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha.

Nigu issa specifikament ghall-kaz in ezami. Il-konvenut ma rreferiex ghall-artikolu 789 tal-Kap 12, izda, rrefera ghall-artikolu 1078 tal-Kap 16, liema dispozizzjoni tal-ligi tispecifika z-zmien ghall-esekezzjoni li tithalla fir-rieda tad-debitur. Illi l-artikolu 1078 tal-Kap 16, liema dispozizzjoni tal-ligi tispecifika z-zmien ghall-esekuzzjoni li tithalla fir-rieda tad-debitur. Illi l-artikolu 1078 (a) jiddisponi:
"jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax."

Jibda biex jinghad li l-ewwel eccezzjoni hija n-nullita` tac-citazzjoni minhabba li ma giex specifikat iz-zmien li fih kellha tigi ezegwita l-obbligazzjoni kontenuta fl-iskrittura

tat-28 ta' Frar, 2004. Il-Qorti fuq gja ppronunzjat ruhha dwar x'inhuma l-elementi li jwasslu ghal nullita` u waslet ghall-konkluzjoni li kif giet intavolata l-kawza tali nullita` ma tezistix. L-artikolu 1078 tal-Kap 16 ikompli jsahhah dan l-argument li jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni ma tispecifikax meta tigi ezegwita l-obbligazzjoni u hija riferibbli ghall-hlas ta' somma ta' flus, din ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn jew sitt snin dipendenti minn jekk kienx gie pattwit l-imghax jew le. Ghalhekk, ta' min ighid, li l-artikolu 1078 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni. Ghal dawn il-motivi tichad din l-eccezzjoni.

Il-konvenut eccepixxa wkoll li fid-dawl tal-fatt li l-iskrittura ma hemmx stipulat ebda zmien fiha din l-azzjoni hija intempestiva u prematura. Salv dak li qed jinghad fil-paragrafu sussegwenti, kieku dan kellu jigi accettat kieku l-azzjoni ma tista' ssir qatt, anqas jekk jiddekorri kemm jiddekorri zmien. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jgib il-prova li l-azzjoni ma tistax tigi ezercitata qabel it-trapass ta' xi zmien kif jissemma minn xi dokument jew xi provi ohra u ghalhekk il-Qorti sejra tipprovdi dwar dan fil-paragrafu li jmiss dwar it-tielet eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni li t-trapass ta' zmien ghandu jmur a beneficcju tad-debitur jinghad li mill-artikolu 1078(a) johrog car li jekk ma giex stipulat iz-zmien u jekk ma giex stipulat imghax allura t-terminu huwa ta' sentejn, liema sentejn jiddekorru mid-data tal-ftehim u cioe` mit-28 ta' Frar, 2004 u ghalhekk hu dovut pagament lura fit-28 ta' Frar, 2006. Jinghad li c-citazzjoni giet prezentata fis-6 ta' Gunju, 2005 u ghalhekk meta saret kienet prematura u intempestiva izda jkun inutili u jwassal biss ghal spejjez zejda lill-partijiet li l-Qorti tiddikjara li c-citazzjoni intempestiva u tichadha biex terga' tigi istitwita kawza gdida li hekk jew b'hekk sejjer iwassal ghall-pronunzjament li ***ormai*** l-ammont huwa dovut.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li fil-fatt l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta' Lm7,000 u inoltre tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi l-imsemmija somma izda minghajr ebda imghax hlief dak dekorribbli mil-lum 'il quddiem.

Riferibbilment ghat-tieni talba tiddikjara li l-konvenut ghandu jcedi d-drittijiet tieghu kollha fil-***bonds*** imsemmija fic-citazzjoni u li kienu gew trasferiti lill-atturi u rcieva l-hlas taghhom u ghandu ghalhekk jaghti effett lil din l-obbligazzjoni u tordnalu jasal ghat-trasferiment favur l-atturi tal-imsemmija ***bonds***.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------